# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 123/08/1 SG**

**Oliver Grech u Leontine Refalo**

**v.**

**Charlie Cordina f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Andreluna Company Limited**

1. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri tat fit-30 ta' Ġunju 2022 u li biha l-Qorti kkundannathom solidalment iħallsu lill-atturi s-somma ta' €20,135.83 (Lm8,643.96) għall-bejgħ u konsenja ta' xorb, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni skont l-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u l-eċċezzjoni li t-talba hi infondata.

2. B'rikors preżentat fl-1 ta' Awwissu 2022, il-konvenuti appellaw mis-sentenza bl-aggravji jkunu minn dik il-parti tas-sentenza li:

i. ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

ii. ikkundannat lill-konvenuti jħallsu solidalment is-somma ta' €20,135.83 peress li jsostnu li l-ħlas kien sar u xejn ma kien dovut;

iii. ikkundannat lill-konvenut solidalment mal-kumpanija konvenuta, peress li ma kellux x'jaqsam fin-negozju.

3. L-atturi wieġbu b'risposta li ppreżentaw fl-24 ta' Awwissu 2022 li fiha taw eċċezzjoni preliminari ta' nullità u r-raġunijiet fil-mertu għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>Eċċezzjoni preliminari</u>.

4. Permezz ta' tweġiba preżentata fl-24 ta' Awwissu 2022 l-atturi wieġbu *inter alia* li l-appell hu null għaliex il-konvenuti ppreżentawh *fuori termine*, u taw ir-raġunijiet għalfejn fil-mertu l-appell tal-konvenuti m'għandux jintlaqa'.

5. B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-atturi, mill-atti jirriżulta li s-sentenza appellata ngħatat fit-30 ta' Ġunju 2022. Skont l-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 appell isir permezz ta' rikors li jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza.

6. Il-konvenuti ppreżentaw l-appell it-Tnejn, fl-1 ta' Awwissu 2022. Peress li t-terminu tal-appell għalaq matul tmiem il-ġimgħa meta r-reġistru kien magħluq, it-terminu tal-appell kien jagħlaq fl-1 ta' Awwissu 2022 (ara Art. 102 u 108 tal-Kap. 12). Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni tal-atturi.

<u>L-ewwel aggravju</u>.

7. Il-konvenuti jsostnu li l-pagament li sar fl-1 ta' Lulju 2004 ma setax jinterrompi l-preskrizzjoni għaliex sar minn terza persuna, Louis Cordina, li mhuwiex parti fil-kawża. Komplew, li saret talba ġudizzjarja f'Diċembru 2008 u l-aħħar ħlas sar f'Diċembru 2003. Għalhekk l-att ġudizzjarju kien preżentat wara li għaddew ħames snin u għalhekk ma kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Żiedu li Cordina mhuwiex debitur u għalhekk ma setax jirrikonoxxi d-dejn għaliex in-negozju ma kienx ġestit f'ismu. Komplew li huma ma nkarigaw lil ħadd biex jagħmel ħlas fl-interess tagħhom.

8. L-Ewwel Qorti wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza, irraġunat hekk:

> *"Issa l-atturi qegħdin jargumentaw li l-eċċezzjoni tal-konvenut hi nfondata għal kollox billi jagħmlu referenza għal dokument OG 52 a fol 52 u Dok OG 55 a fol 116. L-atturi jsostnu li Dok OG 52 huwa korrispondenza mibgħuta mill-konvenut proprio et nomine lill-atturi datata 5 ta' Novembru 2003 li fiha huwa għamel pagament akkont u rrikonoxxa d-debitu tiegħu ta' Lm 6,500, ammontanti għal €15,140.93ċ. Ġie argumentat li sa dak iż-żmien irriżulta wkoll li l-konvenut għamel pagamenti akkont tad-dejn kif jirriżulta miċ-cheque images a fol 114, 115, u 117. Argumentaw ukoll li l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap 16 ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali 680/2008 li saret f' Awwissu 2008 u kif ukoll bil-fatt li kien sar pagament ieħor akkont mill-konvenut proprio et nomine ta' Lm 300 ekwivalenti għal €698.81ċ fl-1 ta' Lulju 2004. Intqal wkoll li skont ix-xhieda ta' l-attur Oliver Grech, il-konvenut kemm-il darba kien wegħdu li ser iħallas il-bilanċ dovut.*
>
> *Rinfaċċata b' dawn l-argumenti, din il-Qorti tqis li l-ammonti reklamati mill-atturi jmorru lura addirittura għal żmien preċedenti għas-sena 2001 (vide Dok OG1 fil-parti opening balance) kif ukoll għas-snin 2001 u 2002.*
>
> *Mill-provi eżebiti, jirriżulta li sar pagament b' ċekk datat l-1 ta' Lulju 2004 li kien maħruġ għan-nom tan-negozju Square Cellar minn Louis Cordina. Charlie Cordina qatt ma ċaħad li dan il-pagament sar minn ħuħ Louis Cordina għan-nom tiegħu iżda sostna fix-xhieda tiegħu li dan iċ-ċekk ta' Lm300 kien jirreferi għal xi bilanċ li nxtara wara.*
>
> *Il-qorti tqis li b' dan il-pagament ta' l-1 ta' Lulju 2004, il-preskrizzjoni ġiet interrotta. Il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni kif mogħtija mill-atturi hija ferm aktar verosimili minn dik mogħtija mill-konvenut Charlie Cordina. Dana għaliex Charlie Cordina naqas li jissostanzja dak li kien qed jallega billi jipprovdi xi prova dokumentarja bħal delivery note, invoice jew fiscal receipt biex jipprova tali allegazzjoni.*
>
> *Illi għalhekk meta sar dan il-ħlas, kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni b'dan ukoll li fl-istess waqt l-istess konvenut ġie li huwa rrikonoxxa d-debitu ma' l-atturi u għalhekk il-preskrizzjoni ta' ħames snin reġgħet bdiet tgħaddi mill-ġdid (artikolu 2136 tal-Kap 16).*
>
> *La darba dan ġara fl-1 ta' Lulju 2004 u l-kawża ġiet ippreżentata f' Diċembru 2008, l-atturi kienu għadhom fit-terminu biex huma jaġixxu kontra l-konvenuti".*

9. In-negozju li sar kien bejgħ u xiri ta' minerali u alkoħol għar-ristoranti Black Jack Bar & Grill u Argentinian Steak House. Mill-provi jidher ukoll li l-atturi kienu jżommu kont separat għal kull stabbiliment (ara dokumenti a fol. 61, 67, u 94).

10. Il-provi juru li fis-26 ta' Mejju 2003 sar ħlas ta' Lm5,000 mill-kumpanija konvenuta (fol. 115), u li l-atturi imputaw għall-kont ta' Black Jack (ara rendikont a fol. 67). Imbagħad b'ittra datata 5 ta' Novembru 2003 fuq *letterhead* tal-kumpanija konvenuta u ffirmata mill-konvenut Cordina (fol. 112) bit-titlu 'Black Jack Bar & Grill Account', iddikjara li kienet dovuta s-somma ta' Lm7,399.87 u bagħat ħlas ta' Lm899.87. Fl-ittra ntqal ukoll li, *"Further payments in permanent reduction of above balance will follow"*. Ħlas li milli fehmet din il-Qorti l-atturi imputaw għall-kont ta' Black Jack Bar & Grill (ara Dok. OG54 a fol. 115 u r-rendikont tal-istabbiliment l-ieħor a fol. 94, kif ukoll dak li xehed l-attur li l-bilanċ dovut fir-rigward tal-Argentinian Steakhouse kien proprju dak li jissemma fir-rendikont a fol. 94). M'hemmx kontestazzjoni li dak il-ħlas sar, għalkemm il-konvenut baqa' jinsisti li l-firma mhijiex tiegħu u qal li kumpanija konvenuta kellha *letterhead* differenti.

11. Il-provi juru wkoll li l-aħħar ħlas sar permezz ta' ċekk li ħareġ Louis Cordina, datat l-1 ta' Lulju 2004 (fol. 116) filwaqt li l-kawża nfetħet fid-19 ta' Diċembru 2008. Ħlas li l-atturi imputaw ukoll għall-kont tal-

istabbiliment Black Jack Bar & Grill (ara Dok. 0G7 a fol. 67). Il-konvenut ikkonferma li kien sar dak il-ħlas minn ħuħ. Qal ukoll li ħuħ kien ikun fl-istabbiliment u *"Dan kien per eżempju jkun hemm kont u jmur iħallsu"*. Evidenti li l-konvenut kien jaf li qegħdin isiru ħlasijiet. Għalkemm qal li dak il-pagament jirrelata għal xiri u konsenja ta' merkanzija li mhijiex il-mertu tal-kawża, m'hemm l-ebda prova li tikkorabora dak li qal.

12. Fir-rigward tal-kont ta' Argentinian Steak House, ma jirriżultax li saru xi ħlasijiet. L-atturi ppreżentaw rendikont (fol. 94) li jirreferi għall-bejgħ u xiri li sar bejn l-10 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2002. Rendikont datat 6 ta' Novembru 2003. Il-ħlas li jippretendu l-atturi fuq dan il-kont hu €1,013.01 (ara wkoll affidavit tal-attur). Mir-rendikont stess ma jirriżultax li l-atturi imputaw l-ħlasijiet li saru lil dan il-kont. Għalkemm issemma li l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali f'Awwissu 2003, ma ppreżentawx kopja tagħha flimkien mar-riferta. Dak li hemm fl-atti hi kopja ta' ittra uffiċjali li ppreżentaw fl-4 ta' Novembru 2008 (fol. 293) li però ma ġietx notifikata lill-konvenuti (ara riferta a fol. 294).

13. Madankollu l-Qorti tqis li l-verżjoni li ta l-attur hi iktar kredibbli. Fil-fatt spjega kif kien jitkellem mal-konvenut Cordina li min-naħa tiegħu kien jgħidlu li ser iħallsu. Żied, *"Darba minnhom tlabtu biex jagħtini l-generator u naqtugħ mill-kont li kellu jagħti lilna imma ma riedx u baqa' jsostni li dalwaqt igħaddili pagament. Jien ma stajtx nistenna aktar u għalhekk kelli*

*niftaħ il-kawża fil-Qorti"*. Il-Qorti tqis verosimili li l-attur kien jitkellem mal-konvenut fuq iż-żewġ kontijet.

<u>It-tieni aggravju</u>.

14. Il-kumpanija konvenuta qiegħda ssostni li ħalset id-dejn. Argumentat li fl-atti jissemmew bosta negozji u persuni differenti, iżda mbagħad il-kontijiet kollha jsejħu lill-istess persuna. Qalet li għal dak li hu negozju li tmexxi hi, dejjem ħallset u xejn mhu dovut.

15. Fir-rigward tal-mertu l-Ewwel Qorti qalet:

> *"Il-Qorti tqis li d-dokumenti eżebiti jsemmu lil :*
>
> *i. Black Jack Bar and Restaurant (Dok OG 2, OG 3, OG4, OG 6, OG 8, OG9, 0G 10, OG11, OG 12, OG 13, OG 14, OG15, OG 16, OG 17, OG 18, OG 19, OG20, OG21, OG22, OG23,OG 24, OG 25, OG 26, OG 27, OG 28, OG 29, OG 30, OG 31, OG 32,OG 33),*
>
> *ii. Charlie Cordina (Dok OG 5, OG 6, OG35, OG 36, OG 49, OG 51);*
>
> *iii. ċertu George (OG 24, OG 26, OG 28, ) u*
>
> *iv. Argentenian Steak House (Dok OG 35, OG 36, OG 37, OG 38, OG 39, OG 40, OG 41, OG 42, OG 43, OG 44, OG 45, OG 46, OG 47, OG 48, OG 49, OG 50).*
>
> *Irriżulta li mix-xhieda ta' Oliver Grech mogħtija fl-affidavit tiegħu, saru tlett pagamenti fis-26 ta' Mejju 2003 versu s-somma ta' Lm 5,000 (€11,646.87ċ), fil-5 ta' Novembru 2003 fis-somma ta' Lm 899.87ċ (€2,096.13ċ) u fl-1 ta' Lulju 2004 fis-somma ta' Lm 300 (€698.81ċ).*
>
> *Il-Qorti evalwat id-dokumenti OG 1 sa OG 56 u għandha s-segwenti konstatazzjonijiet x' tosserva.*
>
> ***DWAR OG 1***

*a. Dok OG 1 jagħmel referenza għal opening balance ta' Lm 1,407.40ċ li dwaru ma tressqet l-ebda delivery note jew invoice sabiex tiġġustifika tali ammont;*

*b. Dok OG 1 jirreferi għal 1012 fl-ammont ta' Lm 259.23 u 1105 fl-ammont ta' Lm 232.88ċ. Dawn ġew kombaċati mal-produzzjoni ta' delivery note jew invoice eżebiti bħala Dok OG 6 u OG 5 rispettivament.*

*c. Dok OG1 ssemmi wkoll 1156 fl-ammont ta' Lm 160.08 u 1379 fl-ammont ta' Lm 88.32ċ li jirriżulta li ġew mħallsa hekk kif jidher minn remittance advice maħruġa minn Andreluna fl-14 ta' Settembru 2004 u li hija eżebita bħala Dok OG 52(a) u liema żewġ ammonti ġew imħallsa ma' invoices oħra b' ċekk Dok OG 53 li nħareġ fit-2 ta' Ottubru 2004 minn Andreluna Limited.*

***Għalhekk mis-suespost, jirriżulta li għad fadal ħlas versu s-somma ta' Lm 492.11ċ (Lm 259.23ċ u Lm 232.88ċ). L-ammont ta' Lm 1,407.40ċ ma ġiex ippruvat mill-atturi.***

***DWAR OG 2, 3 U 4***

*a. Dwar OG 2, 3 u 4 dawn ma ġewx inklużi ġo customer invoices due jew ġo xi statement ieħor, iżda r-rikorrenti qed isostnu li dawn ukoll għandhom jiġu nklużi fil-kalkoli dovuti lilhom. Jirriżulta li dawn huma fl-ammont ta' Lm 634.53ċ, Lm 737.87ċ u Lm 234.14ċ. Id-dokumenti huma debitament iffirmati.*

***Għalhekk mis-suespost, jirriżulta li r-rikorrenti ppruvaw li huwa dovut lilhom Lm 1606.54ċ.***

***DWAR OG 7***

*a. Dwar OG 7, l-ammonti kollha hemm indikati huma lkoll ikkorraborati b' delivery notes (vide Dok OG 8 sa OG 33). Madanakollu, jirriżulta li mhux kull dokument ġie ffirmat minn Charlie Cordina jew xi impjegat ieħor. In fatti, jirriżulta li Dok OG 19 għas-somma ta' Lm 142.48ċ u OG 32 għas-somma ta' LM 219.38ċ mhumiex iffirmati. Irriżulta wkoll li d-dokumenti ffirmati kollha ħlief għal Dok OG 33 huma ffirmati minn Charlie Cordina jew firmatarju ieħor li ma ġiex ikkontestat mill-konvenut proprio et nomine. L-unika firmatarju li ġie kkontestat kien dak fuq Dok OG 33 li jidher li huwa John Azzopardi u li skont Charlie Cordina, dan qatt ma kien impjegat tiegħu. OG 33 tirrigwarda somma ta' Lm 188.07ċ. Il-Qorti tqis għalhekk li l-ammonti f' Dok OG 19, OG 32 u OG 33 ma ġewx ippruvati bħala dovuti.*

***Għaldaqstant din il-Qorti tqis li mis-suespost, jirriżulta ppruvat l-ammont ta' Lm 11,748.53ċ.***

***DWAR OG 34***

*a. Dwar OG 34, l-ammonti kollha hemm indikati huma lkoll ikkorraborati b' delivery notes (vide Dok OG 35 sa OG 50). Madanakollu, jirriżulta li mhux kull dokument ġie ffirmat minn Charlie Cordina jew xi impjegat ieħor. In fatti, jirriżulta li Dok OG 39 għas-somma ta' Lm 16.01ċ mhuwiex iffirmat. Il-Qorti tqis għalhekk li l-ammonti f' Dok OG 39 ma ġiex ippruvat bħala dovut.*

***<u>Għaldaqstant din il-Qorti tqis li mis-suespost, jirriżulta ppruvat l-ammont ta' Lm 997.</u>***

***DWAR OG 52(a)***

*a. Jirriżulta li hemm referenza f' DOK OG 52(a) għal dokumenti 1156 u 1379 fl-ammonti rispettivi ta' Lm 160.08 ċ u Lm 88.32ċ li dawn ġew ġia' mnaqqsa dwar Dok OG 1.*

*b. Hemm ukoll referenza għal dokument 1300 fl-ammont ta' Lm 147.89ċ liema dokument ġie eżebit bħala Dok OG 51 u li huwa debitament iffirmat.*

*c. F'Dok OG 52(a) jissemma wkoll dokument 250 fl-ammont ta' Lm 88.32ċ.*

*d. Jirriżulta li l-ammonti kollha koperti f' DOK OG 52(a) ġew imħallsa permezz ta' ċekk maħruġ minn Andreluna Limited fis-somma ta' LM 574 eżebit bħala Dok OG 53 datat 2 ta' Ottubru 2004.*

***<u>Mis-suespost jirriżulta li dan l-ammont ġie kollu kopert u mħallas minn Andreluna Limited.</u>***

***DWAR DOK OG 56***

*a. Dwar Dok OG 56, jidher li hemm xi notamenti li għad fadal Lm 157.31ċ li għadhom dovuti. Madanakollu, dan l-ammont allegatament dovut ma ġiex korraborat b' xi delivery notes jew invoices u **<u>għalhekk sejjer jiġi meqjus li ma ġiex debitament ippruvat mill-atturi</u>**.*

*Għaldaqstant, l-ammont totali li ġie debitament ippruvat mir-rikorrenti huwa fis-somma ta' LM 14,844.18ċ.*

*Irriżulta li saru s-segwenti pagamenti u ċioe' (i) Lm 899.87ċ fil-5 ta' Novembru 2003 (Vide affidavit ta' Oliver Grech u l-kontenut ta' Dok OG 52), (ii) Lm5,000 fis-26 ta' Mejju 2003 (Vide Dok OG 54) u Lm 300 fl-1 ta' Lulju 2004 (Vide Dok OG 55). Għalhekk jifdal bilanċ ta' Lm 8,644.31ċ ekwivalenti għal €20,135.83ċ.*

*Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, irriżulta ppruvat u mhux kontestat li l-atturi daħlu fiż-żarbun ta' missierhom fin-negozju ta' Square Cellar. In fatti, l-istess Charlie Cordina sostna fix-xhieda tiegħu li huwa kien għamel żmien jiddiskutu u jitkellem ma' Oliver Grech, wieħed mill-atturi.*

*Dwar ir-responsabbilita' għal dan il-ħlas, il-Qorti ġiet murija provi dokumentarji li ġieli saru pagamenti akkont minn Charlie Cordina personalment kif ukoll minn Andreluna Limited. Irriżulta wkoll mix-xhieda ta' Charlie Cordina, li oriġinarjament l-istabbilimenti Black Jack u Cohiba (li mbagħad wara sar Argentinean Steak House) kienu mmexxija minnu u minn George Fenech li kienu jiġġestixxu World Leisure Company Limited iżda mbagħad kien ħa over kollox huwa. Spjega wkoll li Andreluna Limited kienet twaqqfet biex tieħu xi loans ħalli b' hekk tkopri dak dovut minn World Leisure Company Limited li kienet oriġinarjament tiġġestixxi dawn l-istabbilimenti li utilizżaww ix-xorb mertu ta' din il-kawża.*

*Għaldaqstant, mill-istess xhieda ta' Charlie Cordina kif ukoll mill-provi dokumentarji li tressqu dwar pagamenti li saru in konnessjoni ma' dawn il-bilanċi, din il-Qorti hija sodisfatta li dawn l-ammonti huma dovuti minn Charlie Cordina u Andreluna Limited in solidum".*

16. Mid-dokumenti li ppreżentaw l-atturi, hu ċar li x-xiri u l-konsenji saru. Il-prova tal-ħlas kellha ssir mill-konvenuti. Prova li ma saritx.

17. Fl-affidavit il-konvenut xehed li kien ħareġ ċekk ta' Lm5,000 u kien baqa' bilanċ ta' Lm400 jew Lm600; *"..... insejt, li ħallejtu pendenti u li qtajtu ftit xhur jew sena wara"* (fol. 138). In kontroeżami ta x'jifhem li l-aħħar pagament kien dak li sar biċ-ċekk għas-somma ta' Lm899.87. Il-verżjoni tal-konvenut mhijiex korraborata b'riċevuta. Dan apparti li l-Qorti hi tal-fehma li x'aktarx l-atturi ma kinux ser jaċċettaw dak il-ħlas għas-saldu meta mill-provi hu ċar li kienu qegħdin jippretendu ferm iktar.

18. Il-konvenut xehed li l-ittra datata 5 ta' Novembru 2003, li saret fuq *letterhead* ta' Andreluna Ltd u li fiha jingħad li kien qiegħed jintbagħat ċekk

tal-BOV għas-somma ta' Lm899.87 u fadal bilanċ ta' Lm6,500, fiha firma li mhijiex tiegħu. F'dan ir-rigward fit-18 ta' Marzu 2011 ippreżenta rikors li bih talab in-nomina ta' espert kalligrafu sabiex jagħmel rapport dwar jekk il-firma hijiex tiegħu. Il-Qorti laqgħet it-talba u inkarigat perit ġudizzjarju (digriet mogħti fis-seduta tad-19 ta' April 2011). Wara li l-atturi ppreżentaw l-ittra oriġinali, fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2011 id-difensur tal-atturi infurmat lill-Qorti li kien irriżulta li l-firma kienet ta' persuna oħra li qalet li ffirmat għan-nom tal-konvenut. Kompliet li minħabba dak l-iżvilupp, in-nomina tal-espert kalligrafu ma kinitx meħtieġa. Preżenti f'dik is-seduta kien hemm ukoll l-avukat tal-konvenuti. Fis-seduta stess il-Qorti ssospendiet l-inkarigu li kienet tat lill-espert kalligrafu. Hu veru li l-persuna li ffirmat l-ittra baqgħet ma ġietx identifikata u jidher li f'dak l-istadju ma kienx hemm kontroversja li l-firma fuq l-ittra ma kinitx tal-konvenut. Madankollu, jibqa' l-fatt li:

i. Il-provi juru li l-atturi kienu ngħataw ċekk fl-ammont ta' Lm899.87 wara l-pagament ta' Lm5,000 (li sar b'ċekk li nħareġ minn Andreluna Limited datat 26 ta' Mejju 2003).

ii. M'hemmx provi li jwasslu lill-Qorti biex temmen li x'aktarx dak il-pagament kien sar għas-saldu tad-dejn.

iii. Hemm l-ittra tal-5 ta' Novembru 2003. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-konvenut ma ffirmax dik l-ittra. Għalkemm qal li l-ittra saret fuq *letterhead* li ma kinitx tal-kumpanija konvenuta, ma ressaqx korrispondenza li bagħtet f'dak iż-żmien biex verament juri li l-kumpanija kellha *letterhead* differenti. Il-konvenut qisu jagħti x'jifhem li l-atturi, jew xi ħadd minnhom, iffabrikaw dik l-ittra biex ikollhom prova li għad hemm bilanċ konsiderevoli x'jitħallas peress li fl-ittra jingħad, *"Our new outstanding balance is now Lm6,5000"*. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen dan, peress li f'Novembru 2003 l-ammont li kienet qiegħda tippretendi l-attriċi fuq il-kont Black Jack Bar & Grill Account kien ferm iktar mis-somma ta' Lm6,500 li tissemma fl-ittra (ara l-affidavit tal-attur a fol. 57). Kieku l-ittra kienet fabbrikata mill-atturi, x'aktarx li ma kienx ser jingħad li, *"Our new outstanding balance is now Lm6,500"* iżda jissemma l-ammont pretiż minnhom. Il-Qorti tqis iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur li ċ-ċekk ta' Lm899.87 intbagħat bl-ittra tal-5 ta' Novembru 2003 li rċevew bil-posta.

<u>It-tielet aggravju</u>.

19. Il-konvenuti argumentaw li l-konvenut Cordina qatt ma kellu jinstab personalment responsabbli għaliex kien biss jiġġestixxi n-negozju tal-kumpanija konvenuta. Fit-tieni aggravju wkoll qalu li n-negozju sar mal-kumpanija.

20. L-uniku eċċezzjoni li ngħatat mill-konvenuti fil-mertu hi li m'għandhom jagħtu xejn. F'kull każ l-ebda wieħed mill-*invoices* li minnhom jirriżulta l-kreditu pretiż mill-attur, mhu ffirmat għan-nom tal-kumpanija konvenuta. Fl-imsemmija dokumenti l-kumpanija ma tissemmiex. Jissemmew l-ismijiet tal-istabbilimenti u f'uħud minnhom jissemma wkoll il-konvenut, u fihom il-firma tal-konvenut jew persuni li kienu jaħdmu fihom.

21. Il-konvenut stess xehed in kontroeżami li ma kienx qal lill-atturi bil-kumpanija u li kien biss fis-sena 2005 li daħlet fin-negozju. Il-ħlas li qiegħed jintalab jirreferi għal negozju li sar fi snin ta' qabel. L-attur xehed ukoll li l-ordnijiet kienu jsiru mill-konvenut.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell. Spejjeż tal-appell jinqasmu inkwantu għal disgħa minn għaxra ($^{9}/_{10}$) a karigu tal-konvenuti u wieħed minn għaxra ($^{1}/_{10}$) a karigu tal-atturi minħabba l-eċċezzjoni preliminari li hi miċħuda.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm